GĦASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/31*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 31 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis, 25 ta' Novembru 2010 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sur Joseph Farrugia

Is-Sinj Renance Vella Aquilina ma attendietx ghal din il-laqgħa għax kienet ma tiflaħx. L-ittra tal-assenza kienet ippreżentata quddiem il-Kunsill u aċċetta bħala raġuni valida.

## I. Talba
Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti
### 1. Approvazzjoni
Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 30. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi
Għal dawn il-minuti ma tressqux emendi u għalhekk dawn ġew mehuda bħala korretti kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## III. Materji mill-Minuti
### 1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse
Il-Kunsill Lokali għadu ma rċieva l-ebda risposta mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għall-ittra fejn intalab parir jekk tistax tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti li fuqhom kien tressaq appell mid-deċiżjoni tal-Kunsill peress li dawn il-kuntratti kienu għal sena biss u se jagħlqu fl-aħħar ta' Diċembru 2010.
Fil-fatt, l-uffiċċju tal-Assistant Direttur kien wieġeb li għandna nitolbu parir mingħand is-Sur Mario Borg mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Fl-istess waqt, mis-sezzjoni legali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma rċevejna l-ebda risposta għall-komunikazzjoni minn dan il-Kunsill Lokali fuq l-istess suġġett.
Il-Kunsill qabel li jekk ma jkollniex risposta konkreta mis-sezzjoni legali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, ma għandiex toħroġ sejħa ġdida fuq dawn il-kuntratti.

Is-seduta li jmiss tal-Bord ta' l-Appell fuq dan il-każ se tinżamm fis-6 ta' Diċembru 2010 fis-1,00p.m. fl-Uffiċċju tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**2. Twaqqif tal-Kumitat għall-Enerġija Alternattiva**

Il-Kumitat għall-Enerġija Alternattiva, maħtur fi ħdan il-Kunsill Reġjonali, ltaqa' biex jiddiskuti suġġerimenti li kienu tressqu minn kumpanija Awstrijaka biex ikun studjat il-provvista ta' sorsi ġodda għal enerġija alternattiva.

F'din il-laqgħa ttieħdet deċiżjoni li tkun proposta laqgħa ma' uffiċċjali mill-Ministeru għal Għawdex, fejn għandhom ikunu studjati l-pjanijiet imressqa mill-kumpanija Awstrijaka.

**3. Tiżjijn tal-Milied**

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Kappillan ta' din il-lokalita, fejn kien aċċettat li l-Kumitat tal-Festa tal-Parroċċa, jieħu l-inkarigu li Triq Dun Karma Caruana, tintrema bid-dwal għal-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Fl-ittra kien assigurat lill-Kunsill, li t-tiżjijn se jintrema nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru 2010.

Fl-istess waqt, skond is-sejħa għall-kwotazzjonijiet li kienet inħarġet minn dan il-Kunsill Lokali, l-Pjazza se tintrema mill-kuntrattur Peter Paul Azzopardi peress li l-prezz ikkwotat minn dan il-kuntrattur kienet l-irħas u wkoll l-aktar waħda b'tiżjijn elaborat.

**4. Attivitajiet tal-Milied**

L-attivitajiet tal-Milied li l-Kunsill se jżomm għal din is-sena se jsiru t-Tnejn 27, it-Tlieta28 u l-Erbgħa 29 ta' Diċembru 2010. L-attivita tat-Tnejn se tkun għal kulħadd, tat-Tlieta għat-tfal u se tinżamm fiċ-Ċentru tal-Museum u ta' l-Erbgħa se tkun għall-anzjani. Is-serati tat-Tnejn u tat-Tlieta se jinżammu fis-Sala Parrokkjali.

**5. Sponsor mid-Ditta Gilette**

Il-Kumitat Reġjonali kien talab lista ta' dawk l-irġiel fil-lokalita u li jkunu għalqu t-tmintax il-sena sabiex jingħataw xfafar b'xejn mid-Ditta Gilette. Din il-lista ntbagħtet u hu maħsub li dawn ix-xfafar se jitqassmu fil-bidu ta' Jannar 2011.

**IV. Korrispondenza**

i. Applikazzjonijiet għal permess tal-bini fi Trejqet Dun Ġużepp Cassar.
ii. L-AKL qed tilqa' applikazzjonijiet minn Kunsilliera li jixtiequ li jkunu parti minn Kumitat li jfassal rapport dwar l-organiżżazzjoni ta' attivitajiet sportivi.
iii. L-AKL bagħtet il-minuti tal-Assemblea Plenarja tal-Assoċjazzjoni stess liema laqgħa nżammet is-Sibt 5 ta' Settembru 2010.
iv. L-Onorevoli Dr Chris Said talab li jiltaqa' mas-Sindki nhar it-Tnejn 8 ta' Novembru 2010 fil-Grand Ballroom ta' Excellsior Grand Hotel. Din il-laqgħa se tinżamm wara li Dr Said jerġa jinħatar fil-kariga ta' Segretarju Parlamentari.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Ħatra tal-Bord għall-Għażla ta' Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill iddiskuta din il-mozzjoni u ntwera qbil li biex timtela din il-vakanza li se tinħoloq f'dan il-Kunsill Lokali riżultat ta' l-irtirar mill-impjieg tas-Segretarju preżenti, għandu jkun maħtur bord ta' tlett persuni biex jevalwa u jiddeċiedi fuq l-aħjar persuna li għandha tokkupa dan il-post.

Il-membri tal-Kunsill qablu lid an il-bord għandu jkun magħmul minn Dr. Marlin Vella, li hu avukat u jokkupa kariga għolja fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, lis-Sur Noel Formosa li hu s-Sindku ta' San Lawrenz u lis-Sinjura Deborah Pace li tokkupa l-kariga ta' "Principal" fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**2. Proġett b'Fondi mill-EU**

Nhar it-Tlieta 25 ta' Novembru 2010, il-Ministeru għal Għawdex żamm laqgħa għall-Kunsill Lokali fejn kienet mnedija skema li permezz tagħha l-Kunsilli setgħu jissottomettu

proposti għal proġetti li jaqgħu taħt il-pjan ta' azzjoni fil-miżuri ppjanati għat-twettieq tal-iskema Eco-Gozo.
Il-proposti għandhom jitwasslu fil-Ministeru għal Għawdex sa nhar il-Ħamis 23 ta' Diċembru 2010. Kull proġett għandu jkun jifforma parti mill-iskop li għalih kien imniedi il-pjanijiet kollha ta' Eco-Gozo.
Is-Sindku ssuġġerixxa li għal din l-iskema napplikaw li nieħdu fondi fuq ir-restawr tal-Fanal ta' Ġordan. Hu qal li hu diġa kellu kuntatti mas-Sur Martin Galea minn Din l-Art Ħelwa peress li din l-aġenzija kienet diġa ottjeniet il-permessi tal-Mepa għar-restawr fil-Fanal ta' Ġordan. Is-Sur Vella qal ukoll li hu tkellem ma' Profs. Ellul mill-Universita ta' Malta li dan qed jieħu ħsieb studju ambjentali fil-bini tal-Fanal. Dan ta' l-aħħar oġġezzjoni għal kull restawr fil-fanal għax qal li jkun disturbat kull studju ambjentali.
Is-Sindku iżda nsista li r-restawr għandu jsir u aktar issa li ġiet l-opportunita li nieħdu finanzi għal dan l-iskop. Biex ikompli jaħdem fuq dan il-ħsieb, is-Sindku kkuntattja lil Transport Malta u se jkollu appuntament fis-6 ta' Diċembru 2010 ma' Dr Portelli li hu CEO ta' din l-awtorita, fejn ghandha tkun diskussa l-applikazzjoni li jixtieq jissottometti l-Kunsill u l-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet involuta kollha fir-rigward biex ma tintilifx din l-opportunita ta' restawr fil-Fanal ta' Ġordan.
Is-Sindku wera li hu lest illi jagħmel ħiltu kollha biex titressaq din l-applikazzjoni u jekk ma jirnexxhielniex napplikaw għall-Fanal ta' Ġordan, il-Kunsill għanu jkun lest li japplika fuq proġett ieħor fil-lokalita tagħna.
Hu ssuġġerixxa li bħala Perit l-aħjar li nqabbdu lill-Perit Ivana Farrugia peress illi hi kienet diġa għamlet xogħol ta' studju fuq il-Fanal ta' Ġordan u l-area ta' madwaru.
Il-Kunsill unanimament approva s-suġġerimenti mressqa mis-Sindku ħalli hu jkompli bix-xogħol kollu meħtieġ ħalli jitwettaq proġett ta' nteress kemm lokalment u anke fuq livelli nazzjonali.

**VI Materji Ohra**
**1. Tiswija ta' Triq tal-Gallina**
Din it-triq għandha tissewwa mill-aħjar li tista' peress li kawża tax-xita qawwija li kienet għamlet kienet ġarrbet ħsarat li ħafna drabi kien qed ikun impossibbli li l-bdiewa jgħaddu għall-egħlieqi tagħhom.
**2. Tiswijiet ħdejn il-Knisja**
Il-Kunsill qabel li jsiru tiswijiet neċessarji ħdejn il-knisja biswit l-istatwa tal-Madonna fejn meta tagħmel ix-xita kien jakkumula kwantita ta' ilma fit-triq. Kien issuġġerit li jsir kanal li jilqa' l-ilma li mbagħad jitferrex mat-triq.
**3. Ħsarat f'Kanna ta' l-Ilma**
Is-Sur Joseph Farrugia rraporta li hemm kanna ta' l-ilma li ilha żmien twil titlef l-ilma. Din qegħda fi Triq il-Fanal quddiem il-bidu ta' Triq il-Ġonna. Għandu jsir rapport lill-WSC.
**4. Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura**
Il-Kunsill Lokali kien mistieden jipparteċipa f'din l-applikazzjoni biex Malta tospita dan l-avveniment li se jinżamm fil-2018. Il-Kunsill qabel li nipparteċipaw u għalhekk għandha tiġi ffirmata l-applikazzjoni.
**5. Tqassim ta' Kotba mill-AKL**
L-AKL informat lill-Kunsill Lokali li kienet se tinżamm attivita għall-Kunsilli Lokali kollha, nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru 2010 fis-6.00p.m. fl-uffiċċju tagħha fejn għandhom jitqassmu kotba u letteratura lill-Kunsill Lokali dwar il-Kunsill ta' l-Ewropa, t-tibdil fil-klima u enerġija sostenibbli u d-drittijiet ugwali għan-nisa fil-post tax-xogħol.
**6. Karta ta' l-Identita għall-Kunsillieri**
L-AKL informat li qed isiru t-tħejjijiet biex kull Kunsillier ikun jista' japplika biex ikollu Karta ta' l-Identita.

Il-Kunsillieri kollha ngħataw applikazzjoni ħalli jekk ikunu jixtiequ jistgħu japplikaw. Huma jkollhom bżonn jimlew il-formola relattiva u jippreżentaw żewġ ritratti tal-passaport.

**7. Noticeboard tal-Mepa**

Il-Mepa qed toffri li titwaħħal noticeboard fiċ-ċentru tal-lokalitajiet fejn fuqhom jitwaħħlu l-applikazzjonijiet li jitressqu lill-Mepa.
Il-Kunsill għandu jissuġġerixxi fejn l-aħjar li titwaħħal din in-noticeboard.
Il-Kunsill qabel li din titwaħħal fil-pjazza ħdejn il-Klinika tal-Gvern u l-Għassa tal-Pulizija.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis, 25 ta' Novembru 2010 fit-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Joe Camilleri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data : ______________